MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 723/2007/1

**International Translation Agency Limited**

**v.**

**C & C Express Limited (C32212) proprio u qua agent tas-socjeta` estera**
**TNT Express Holdings B.V.**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta` attrici fl-4 ta' Lulju 2007, li jghid hekk:
"1. Illi nhar il-11 ta' April 2007 is-socjeta` rikorrenti nkarigat lis-socjeta` ntimata proprio et noe sabiex tikkonsenja pakkett ta' dokumenti ossia tender bid ghal

tender internazzjonali fl-ammont ta' mija u erbgha u tmenin elf u hames mitt Dollaru Amerikan (USD184,500) li harget il-World Meteorological Organization (WMO), sabiex jitwassal fl-indirizz ''Mr. Andrei Iline, Chief Procurement Travel Office, World Meteorological Organization, 7 Bis, Avenue de la Paix, Case Postale, 2300, Geneva 2, 1211, Switzerland'' bin-numru tal-konsenja 107306447;

"2. Illi t-tender de quo ma kienx tender pubbliku, u kien riservat biss ghal numru limitat u esklussiv ta' socjetajiet li kienu mistiedna jitfghu t-tender taghhom mill-WMO stess, liema socjetajiet jinkludu lis-socjeta` attrici li giet mistiedna titfa' t-tender taghha a bazi tat-*track record* professjonali eccellenti taghha f'dan il-qasam;

"3. Illi minkejja l-istruzzjonijiet cari tas-socjeta` rikorrenti, s-socjeta` ntimata b'negligenza grassa, traskuragni professjonali u bi vjolazzjoni ta' l-obbligi kuntrattwali u legali taghha, nhar it-13 ta' April 2007 naqset milli tikkonsenja t-tender tas-socjeta` rikorrenti fid-destinazzjoni ndikata mill-istess socjeta` esponenti fil-hin, u din l-ommissjoni kolpuza ta' l-istess socjeta` ntimata waslet sabiex it-*tender bid* tas-socjeta` esponenti tigi awtomatikament irrifjutata mid-destinatarju;

"4. Illi ghaldaqstant u unikament minhabba l-ommissjoni kolpuza tas-socjeta` ntimata, s-socjeta` rikorrenti garrbet danni konsiderevoli konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans,* u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt il-mori tal-kawza;

"Ghaldaqstant tghid is-socjeta` ntimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

"(1) Tiddikjara lis-socjeta` ntimata unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti u dan stante l-ommissjoni kolpuza ta' l-istess socjeta` ntimata;

"(2) Tillikwida d-danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans* li gew sofferti mis-socjeta` rikorrenti

f'somma li tista' tigi llikwidata occorrendo bl-operat ta' periti nominandi;

"(3) Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lill-istess socjeta` rikorrenti s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta minnhom in linea ta' danni hekk kif fuq imsemmi;

"Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Mejju 2007 kontra l-istess socjeta` ntimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta` C & C Express Limited tal-10 ta' Awwissu 2007 li in forza taghha eccepiet:
"1. illi dwar il-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotorju tas-socjeta` rikorrenti, fil-11 ta' April 2007 is-socjeta` esponenti proprio inghatat l-inkarigu mis-socjeta` rikorrenti sabiex tikkonsenja pakkett li kien jizen 1.6kg, liema pakkett ingarr bin-numru tal-polza ta' l-inkarigu GD107306447WW li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala ''Dok. CC1'';

"2. illi dwar il-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotorju tas-socjeta` rikorrenti, s-socjeta` esponenti mhix agent tas-socjeta` estera TNT Express Holdings B.V. u ma assumiet l-ebda nkarigu f'isem din is-socjeta` estera;

"3. illi dwar il-fatti l-ohra dikjarati fil-bqija tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti dawn huma kollha kkontestati peress illi qualsiasi dewmien li seta' kien hemm fil-wasla tal-konsenja in kwistjoni kienet dovuta ghal cirkostanzi li s-socjeta` esponenti ma setghatx tevita u li ghalihom ma kellha ebda tort jew htija. Id-dewmien li seta' kien hemm fil-konsenja tal-pakkett in kwistjoni gie kkawzat unikament minn dettalji zbaljati u/jew konfliggenti fil-kodici postali tal-konsenjatarju pprovduti lis-socjeta` esponenti minn rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti stess bil-konsegwenza li l-pakkett twassal f'Zurich qabel ma twassal f'Geneva, kif ser jirrizulta aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza;

"4. illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` rikorrenti qdiet l-inkarigu taghha b'mod professjonali u skond l-arti u s-sengha rikjesta u addirittura appena saret taf illi l-kodici postali ndikat mir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti kien zbaljat ghamlet mill-ahjar li setghat biex twassal il-pakkett f'indirizz f'Geneva skond ma xtaqet is-socjeta` rikorrenti, fl-iqsar zmien possibbli, u dan nonostante li l-pakkett kien diga' twassal f'Zurich bhala konsegwenza tad-dettalji zbaljati u/jew konfliggenti fil-kodici postali skond l-istruzzjonijiet originarjament moghtija mis-socjeta` rikorrenti;

"5. illi jiena naf b'dawn il-fatti personalment u ninsab debitament awtorizzata nahlef din id-dikjarazzjoni;

"6. Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti teccepixxi li gej:

"6.1 Illi preliminarjament is-socjeta` esponenti m'ghandiex ir-rapprezentanza tas-socjeta` estera TNT Express Holdings B.V. liema socjeta` ghandha s-sede taghha f' Neptunusstraat 41 – 63, 2132 JA Hooffddorp l-Olanda u ghalhekk, fi qualsiasi kaz, fir-rigward taghha ghandu japplika d-dispost tar-Regolament tal-Kunsill tal-Komunita' Ewropea No. 1348/2000 1 u/jew l-Att Dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet Dwar Proceduri Legali (Kap. 443 tal-Ligijiet ta' Malta);

"6.2 Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici peress illi qualsiasi dewmien li seta' kien hemm fil-wasla tal-konsenja in kwistjoni kienet dovuta ghal cirkostanzi li s-socjeta` esponenti ma setghatx tevita u li ghalihom ma kellha ebda tort jew htija u konsegwentament ma jista' jkollha ebda responsabbilta` ghalihom;

"6.3 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fir-rigward tal-quantum tad-danni allegati mis-socjeta` rikorrenti kemm bhala *damnum emergens* u kif ukoll bhala *lucrum cessans,* li d-danni allegatament sofferti mis-socjeta` rikorrenti ghad iridu jigu ppruvati jigi eccepit illi:

"i. Ir-responsabbilta` tas-socjeta` mittenti hija limitata a tenur tal-Klawsola 11(a) tal-kondizzjonijiet tal-garr taht il-polza ta' l-inkarigu relattiva ghal '*17 drawing rights per kilo' (circa* US$20/Kilo). Il-pakkett in kwistjoni kien jizen 1.6Kg, u ghalhekk anki fil-kaz li jirrizulta xi dewmien attribwibbli lis-socjeta` esponenti (haga li qed tigi fermament ikkontestata), l-ammont massimu ta' danni li s-socjeta` esponenti tista' tigi kkundannata ghalihom huwa ta' US$32;

"ii. Is-socjeta` esponenti qatt ma tista' tkun responsabbli ghad-danni konsegwenzjali reklamati mis-socjeta` rikorrenti in kwantu l-klawsola 12 tal-kondizzjonijiet tal-garr taht il-polza tal-inkarigu relattiva teskludi b'mod kategoriku din ix-xorti ta' responsabbilta`."

"6. 4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;"

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 2009 li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` C & C Express Limited (li hi mhix l-agent u m'ghandhiex ir-rapprezentanza tas-socjeta` estera TNT Express Holdings B.V.) u ddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni u biex is-socjeta` attrici tirregola l-posizzjoni taghha fir-rigward tas-socjeta` TNT Express Holdings B.V., spejjez riservati ghad-decizjoni finali. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Fl-ewwel eccezzjoni s-socjeta` intimata qed teccepixxi li hi mhiex l-agent u m'ghandiex ir-rapprezentanza tas-socjeta` estera TNT Express Holdings B.V. u ma assumiet l-ebda nkarigu f'isem din is-socjeta` estera.

"**Kontestazzjoni**

"Ir-rikorrenti qed jissottomettu li hareg car mill-provi prodotti specjalment mill-e.mails illi ghaddew bejn iz-zewg socjetajiet, cioe` dik rikorrenti u dika intimata, li C & C Express Limited kienet qed tagixxi ghan-nom ta' TNT Express Holdings B.V. Il-*commercial manager* tas-socejta` intimata Steve Carabott kien jiffirma wara l-isem TNT Express u fil-brackets kien inizzel C & C Express

Limited. Anke fil-website u email address jidhru l-kliem info@ tnt.com.mt. Ir-rikorrenti ghamlu wkoll referenza ghall-awtorizzazzjoni li kienet harget mill-MCA, u ghas-sentenza tat-Tribunal tal-Talbiet iz-Zghar fejn jissemma li l-intimati kienu qed jirrapprezentaw lit-TNT. Finalment ir-rikorrenti indikaw lista ta' air cargo agents li huma licenzjati u fejn C & C Express Limited qed tidher bhala awtorizzata biex tagixxi bhala TNT.

"Min-naha l-ohra l-intimati C & C Express Limited issostni li l-legittimu kontradittur u li rceviet il-pakkett in kwistjoni f'isimha izda mhux bhala agent ta` TNT. Spjegat li jezisti joint operating agreement bejn iz-zewg socjetajiet fejn huma appuntaw lil xulxin bhala kuntratturi jew subkuntratturi ta' xulxin.

"Fir-rigward tad-dokumenti esibiti mis-socejta` rikorrenti (ara fol. 17 sa 39) l-intimati ighidu li m'hemm xejn x'jindika li C & C Express Limited qatt idikjarat jew tat x'tifhem illi hija kienet qed tagixxi bhala agent. Hi tuza il-logo ta' TNT Express u Steve Carabott jiffirma biss ghall C & C Express Limited. Dwar l-awtorizzazzjoni illi nghatat mill-Malta Communications Authority, l-intimati jirritjenu li din nghatat direttament lil C & C Express Limited u mhux lis-socjeta` estera. Kwantu ghal website ta' TNT Dok. D a fol. 30 verament hemm in-numru tat-telefon tas-C & C Express Limited pero` l-indikazzjoni tan-numru tat-telefon bl-ebda mod ma tindika jew hi prova ta' xi relazzjoni ta' agenzija. Finalment dwar il-lista ezibita a fol. 33 Listed Regulated Air Cargo Agents, dawk is-socjetajiet huma meqjusin fil-ligi bhala agenti, mhux ta' xi socjeta` jew ta' xi network esteru, izda ta' l-ispeditur jew inkella ta' ricevitur tal-merkanzija u jekk wiehed ma jkunx irregistrat taht dawn ir-regolamenti ma jistax jopera fl-ajruport.

"**Konsiderazzjonijiet**

"Illi s-socjeta` rikorrenti qed jippretendi li s-socjeta` intimata hija l-agent u rapprezentanta tas-socjeta` estera TNT Express Holdings B.V. mhux ghax taf li dina giet specifikatament appuntata hekk mid-ditta estera imma

ghax qed tassumi li hu hekk mid-dokumenti li hija ezibit a fol. 17 sa 39.

“Illi r-rikorrenti biex jirnexxu fis-sottomissjoni taghhom iridu jippruvaw mhux biss li r-C & C Express kienu ghamlu operazzjonijiet mas-socjeta` estera li fihom esplikat l-operat ta’ agent, imma li huma gew kostitwiti bhala agenti biex jirrapprezentawhom. (ara sentenza App. Cauchi vs Debono 18/6/1954). Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti dana ma rnexxilhomx jaghmluh u dana ghal diversi raguni.

“Minn imkien fil-process ma jirrizulta li C & C Express gew appuntati bhala agenti ta’ TNT. Diana Cassar, direttur tas-socjeta C & C Express spjegat li bejnhom u TNT hemm *joint operating agreement* li bih huma appuntaw lill-xulxin bhala kuntratturi indipendenti ghall-garr ta’ merkanzija.

“A joint operating agreement gie definit bhala li hu:

*“Any contract, agreement*, Joint Venture, *or other arrangement entered into by two or more businesses in which the operations and the physical facilities of a failing business are merged, although each business retains its status as a separate entity in terms of profits and individual mission.(Wikipedia).”*

“B’din is-sistema, iz-zewg partijiet zammew l-istatus taghhom indipendenti u separat izda fl-istess C & C Express inghatat il-facilita’ li tuza l-global network ta’ TNT biex tkun tista’ tqassam il-merkanzija barra minn-Malta u anke li tuza l-Airway Bill tat-TNT, l-logo u l-get up taghhom kif ukoll il-package tracking system fuq il-website tat-TNT. Dina r-relazzjoni ma kienitx wahda ta’ agenzija u l-intimati C & C Express ma kellhomx awtorita’ li jorbtu lit-TNT fin-negozju li huma jidhlu ghalih u accetta x-xoghol f’isimhom u mhux in rapprezentanza tat-TNT. Il-fatt wahdu li jintuza dan is-site jew email address mhux bizzejjed biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-intimati gew appuntati bhala agenti tat-TNT. Indikazzjoni biss tan-numru tat-telefon jew email address bl-ebda mod ma jindika l-esistenza ta’ relazzjoni guridika ta’ agenzija. Lanqas ma jista’ jigi accettat l-argument tar-rikorrenti li

mis-sentenza ezibita a fol. 51 C & C Express huma rapprezentati tat- TNT. Dak li ntqal f'dik is-sentenza huwa fl-esposizzjoni tal-fatti u mhux fil-parti dispositiva tas-sentenza. Inoltre jidher mill-okkju tal-kawza li dina effettivament saret kontra C & C Express Limited biss u kontra taghhom nomine jew flimkien ma xi konvenut iehor.

"Dwar l-awtorizzazzjoni tal-Malta Communications Authority a fol. 28, din inghatat direttament lil C & C Express Limited u mhux lis-socjeta` estera. Kieku C & C Express kienet biss agenta, l-awtorizzazzjoni kienet tinhareg f'isem il-principal u mhux f'isem l-agent.

"Finalment dwar il-lista a fol. 33 dwar ir-Regulated Cargo Agents, dina l-Qorti taqbel ma' l-intimati li r-referenza ghall-agenti mhux ghal xi socjeta` estera izda ghall-agenti ta' l-ispeditur jew tar-ricevitur tal-merkanzija. Dawn huma registrati taht ir-regolamenti biex ikunu jistghu joperaw fl-airport."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:
"thassar u tirrevoka s-sentenza premessa moghtija mill-ewwel Qorti fl-ismijiet premessi nhar is-27 ta' Marzu, 2009, u konsegwentement tichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata u tordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti kontra s-socjeta` intimata fiz-zewg kwalitajiet li fihom giet imharrka dejjem taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi l-appell tas-socjeta` appellanti jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonfermata bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellanti:

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza, is-socjeta` attrici riedet tispedixxi *tender bid* fl-Isvizzera u ghal dan il-ghan ikkuntatjat lis-socjeta` konvenuta C & C Express Limted sabiex din tiehu hsieb twassal il-pakkett relattiv f’dak il-pajjiz. Din is-socjeta` tghid li hi tinqeda bis-socjeta` estera TNT Express Holdings bhala kuntrattur jew subkuntrattur taghha biex twassal il-pakketti li jigu fdati lilha fid-destinazzjoni estera indikata. Is-socjeta` attrici tallega li t-*tender documents* ma gewx kkonsenjati fid-destinazzjoni ndikata fil-hin, u b’konsegwenza ta’ hekk, l-offerta taghha ma gietx ikkunsidrata mis-socjeta` estera li lilha kienet indirizzata l-offerta. Is-socjeta` attrici qed tfittex ghad-danni, u fethet din il-kawza kontra s-socjeta` C & C Express Limited, <u>f’isimha proprio u bhala agent tas-socjeta` estera TNT Express Holdings B.V.</u>

Is-socjeta` konvenuta, ghalkemm tistqarr li ghandha relazzjonijiet mas-socjeta` estera, tichad li hi tagixxi *qua* agent tal-istess socjeta` estera. L-ewwel Qorti qablet ma’ din it-tezi tas-socjeta` konvenuta u laqghet l-eccezzjoni relattiva.

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza u sostniet l-argument taghha li kif graw l-affarijiet f’dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta ghandha titqies li agixxiet *qua* agent tas-socjeta` estera.

Din il-Qorti tara li ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Hu ammess bhala principju li l-agenzija tista’ tkun implicita u mhux mehtieg li tirrizulta bil-kitba jew b’xi mezz formali. Fil-ktieb **Mercantile Law** ta’ Perrins and Stuart jinghad (f’pagna 91) li:

“An agent may be appointed impliedly where the principal, without expressly conferring authority on him, places him in a situation in which, according to the ordinary usages of mankind, or according to the customs of the particular trade, it is understood, as between himself and the principal, that he is to have authority to contract on his principal’s behalf.”

Dak hu li sehh f'dan il-kaz, u dan jirrizulta car, fuq kollox mill-*Air Way Bill* mahruga ghal dan il-kaz. Id-dokument mhux biss huwa dokument tas-socjeta` estera, u dan wara li *ex admissis*, kienet is-socjeta` konvenuta C & C Express Limited li rceviet il-konsenja tal-pakkett in kwistjoni, izda fuq l-istess dokument, min ircieva l-pakkett, iffirma li l-pakkett kien "received by TNT". Jidher car allura li x-xoghol kien accettat mill-agent ta' TNT, u kwindi zbaljat l-ewwel Qorti meta osservat li x-xoghol gie accettat mis-socjeta` konvenuta "f'isimhom u mhux in rapprezentanza tat-TNT". Is-socjeta` lokali kelllha awtorita` tircievi pakketti ghan-nom tas-socjeta` TNT Express Holdings B.V., u dan jidher car ukoll mill-fatt li Steve Carabott, il-*Commercial Manager* tas-socjeta` konvenuta fil-korrispondenza li kellu mas-socjeta` attrci dwar dan il-kaz, kien ipoggi taht ismu d-dettalji f'din l-ordni:
"Commercial Manager
TNT Express
(C & C Express Ltd.)
Courier House,
7, Misrah iz-zghazagh
Luqa LQA 1540, Malta."

Is-socjeta` C & C Express giet inkarigata tiehu hsieb il-konsenja tal-pakkett in kwistjoni, u jista' jkun li, jekk jirrizulta xi nuqqas ghal dan, ikollha twiegeb personalment hi; pero` rceviet il-pakkett f'isem is-socjeta` TNT Express Holdings B.V., u din is-socjeta`, bl-agir taghha, li tippermetti lis-socjeta` lokali tinqeda' bl-*Air Way bills* taghha u tiffirma li rceviet il-paketti "by TNT", implicitament kienet qed tippermetti lis-socjeta` C & C Express Limited tagixxi bhala agent taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-sojceta` attrici billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza preliminari moghtija mill-ewwel Qorti fis-27 ta' Marzu 2009, tichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata C & C Express Limited (cioe` dik bin-numru 6.1. a fol. 9 tal-atti), u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

L-ispejjez relattivi ghal dan l-incident, inkluzi dawk marbuta mas-sentenza preliminari li tat l-ewwel Qorti, ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------